MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2012

Numru 915/2009

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs

Sean Zammit
Braden Grixti

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 0276892(M) u 104393(M) rispettivament, akkuzati talli:

*fil-lejl ta' bejn il-lejl tal-15 u is-16 ta' Dicembru, 2008 minn gewwa Triq Qrejzu, Birkirkara u f'inhawi fil-Gzejjer Maltin;*

1. ikkommettew serq t'oggetti, 'apparat tal-Hi-Fi' minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAO 638 ghad-dannu ta' Joseph Vella, Carsten Vella u terzi persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. kkommettew hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAO 638 ghad- dannu ta' Joseph Vella, Carsten Vella u terzi persuni ohra liema ammont tal-hsara hu aktar minn € 116.47 (LM 50) izda anqas minn € 1164.69 (LM 500);

*nhar l-14 ta' Dicembru, 2008 minn gewwa Triq Guze' Cardona, Hal Qormi, u f'inhawi fil-Gzejjer Maltin;*

3. kkommettew serq t'oggetti, 'apparat tal-Hi-Fi' minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 416 ghad-dannu ta' Thomas Sammut u terzi persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. kkommettew hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 416 ghad- dannu ta' Thomas Sammut u terzi persuni ohra, liema ammont tal-hsara hu aktar minn € 116.47 (LM 50) izda anqas minn € 1164.69 (LM 500);

*nhar l-15 ta' Dicembru, 2008 minn gewwa Triq Notabile, Birkirkara, u f'inhawi fil-Gzejjer Maltin;*

5. kkommettew serq t'oggetti, 'apparat tal-Hi-Fi' minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAO 407 ghad-dannu ta' Kin D'Amato u terzi persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

6. kkommettew hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAO 407 ghad- dannu ta' Kin D'Amato u terzi persuni ohra, liema ammont tal-hsara hu aktar minn € 116.47 (LM 50) izda anqas minn € 1164.69 (LM 500);

*nhar l-14 ta' Dicembru, 2008 minn gewwa Triq il-Bari, is-Siggiewi, u f'inhawi fil-Gzejjer Maltin;*

7. kkommettew serq t'oggetti, 'apparat tal-Hi-Fi' u oggetti ohra, minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAC 349 ghad-dannu ta' Joseph Naudi u terzi persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. kkommettew hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni bin-numru tar-registrazzjoni BAC 349 ghad-dannu ta' Joseph Naudi u terzi persuni ohra, liema ammont tal-hsara hu aktar minn € 116.47 (LM 50) izda anqas minn € 1164.69 (LM 500);

*nhar l-14 ta' Dicembru, 2008 minn gewwa Haz-Zebbug, Malta, u f'inhawi fil-Gzejjer Maltin;*

9. kkommettew serq t'oggetti, 'apparat tal-Hi-Fi' minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf ghad-dannu ta' sid u terzi persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa,

10. kkommettew hsara volontarja minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf ghad-dannu ta' sid u terzi persuni ohra, liema ammont tal-hsara hu aktar minn € 116.47 (LM 50) izda anqas minn € 1164.69 (LM 500)

11. kisru l-kundizjonijiet ai termini tal-Kap 446 moghtija lilkom b' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni insistew anka wara li l-Qorti tathom zmien biex jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ir-reati li bihom l-imputati huma akkuzati jikkoncernaw s-serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa. Huma tlieta l-istanzi li tirreferi ghalihom din l-akkuza.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati ssibhom u tiddikjarahom hatja tal-akkuzi riportati kontra taghhom.

Rat l-Artikolu 261(c)(g), 267, 269(g), 279(a), 280(1), 325(b), 37, 17(h), 49 u 50.
Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-probation nominat fil-konfront taz-zewg imputati. Tiddeciedi fil-konfront taghhom separatament li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggihom taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghal tlett snin mill-lum u fost is-soliti kundizzjonijiet qeghdha timponi fuqhom li jissottomettu ruhhom ghall-testijiet ta' l-urina u demm (skond il-kaz) kull meta jigu imsejha mill-ufficjal tal-probation u jtemmu b'success il-kors tal-"Life Skills" organizzat mill-"Probation and Parole Services".

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabbilitajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------